**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta'Lulju, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**-vs-**

**Anthony Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 77164M**

***Kumpilazzjoni Nru. 321/2014***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Mifsud u ċioè talli:

> Fi Frar, 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, ġewwa diversi nħawi fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnesjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

Talli fl-istess perjodu, bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bħala mpjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak l-Liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-Liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-Liġi;

Fl-istess perjodu, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita' oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu;

Fl-istess perjodu b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex ġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, għamel qliegħ għall-valur li jaqbeż elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) għad-dannu tal-korporazzjoni Ene malta;

Fi Frar, 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, minn ġewwa r-residenza tiegħu ġewwa Paradise View, Triq il-Girna, Baħrija, Rabat ikkommetta serq ta' elettriku għad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbeż €2329.32;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dipozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering u tipporċedi sabiex minnufih tagħmel ordni temporanja ta' iffriżar tal-assi tal-imsemmi Anthony Mifsud;

F'każ ta' ħtija il-Qorti ġiet mitluba, li wara li tinforma ruħha minn fatti speċifiċi, u tkun għal kollox konvinta il-propjeta' inkwistjoni tkun inkisbet minn attivita' kriminali, din il-propjeta' tiġi konfiskata.

Rat illi waqt l-udjenza tal-21 ta' Mejju, 2018, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura serja tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat fejn dan ma ddejjaq xejn jisfrutta l-posizzjoni tal-impjieg tieghu. Giet kkunsidrata wkoll l-ammissjoni tieghu kif ukoll il-fedina penali netta tieghu. Ittiehed konsiderazzjoni ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment tar-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Ufficjal tal-Probation.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 42, 112, 115(1)(c), 120(1), 127, 261(c), 267, 279, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u b'applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lil Anthony Mifsud taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita`.

F'din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita` huwa mehtieġ li l-hati jaghmel xoghol bla hlas jew xoghol bla hlas u tahriġ, kif rakkommandat fir-rapport rilaxxjat mill-istess Ufficjal tal-Probation u dan ghall-perijodu ta' tlett mija u ghoxrin siegha (320) siegha kif qed jigi speċifikat fl-ordni.

Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, il-hati jkun jista' jinghata sentenza għar-reat oriġinali. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

A tenur tas-sub inciz (5) ta′ l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta′ Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta′ l-Ordni ta′ Servizz fil-Komunita′ lill-hati, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-Ufficcjal tas-Servizz tal-Komunita` assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta′ l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita`.

Il-Qorti giet prekluza milli tilqa′ t-talba tal-prosekuzzjoni ghall-ordni ai termini tal-Artikolu 23B tal-Kodici Kriminali u dan in vista li l-istess prosekuzzjoni naqset milli tipprova il-valur tar-rikavat mir-reati li dwarhom qed tinstab htija.

Bl-applikazzjoni ta′ l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta′ €1,026.60 rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment il-Qorti, wara li rat l-artikoli 119 u 127(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta, qed tordna ukoll fil-konfront ta′ l-imputat l-**interdizzjoni generali perpetwa** u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,

Tordna li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**